**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2002**

**Numru 3**

**Avviz numru 1208/01JR**

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha RMF Limited**

**vs**

**Rosett Fenech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fil-15 t'Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm151.90), jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni u spejjez inkorsi mill-atturi in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta' Mejju, 1999, f'Old Theatre Street, il-Belt, Valletta, bejn il-vettura numru GVN-349 misjuqa mill-intimata u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni numru AAM-093 proprjeta` tal-kumpanija attrici RMF Limited**

**assikurata mal-kumpanija attrici Citadel Insurance plc liema incident gara unikament tort ta' l-imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti da parti ta' l-intimata, u dan prevja d-dikjarazzjoni li ghall-incident tahti unikament l-intimata;**

**Bl-ispejjez inkluz dik ta' l-ittra ufficjali ta' Marzu, 2001, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta fir-rigward. Semgha x-xhieda ta' Mark Axiaq, PC 325 Patrick Bonnici, Massimo Tonna, u Fr. Frans Perici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet fis-17 ta' Mejju, 1999, f'Old Theatre Street, il-Belt, Valletta, bejn il-vettura numru GVN-349 misjuqa mill-intimata u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni numru AAM-093 proprjeta` tal-kumpanija attrici RMF Limited.**
2. **Mill-provi jirrizulta li l-vettura ta' l-attur kienet wieqfa meta l-konvenuta regghet lura bil-vettura li kienet qed issuq u laqtet il-vettura ta' l-attur. Ghalkemm ma rawx l-incident isehh, ix-xhieda Massimo Tonna u Fr. Frans Perici raw il-vettura tal-konvenuta isserrah mal-vettura ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici. Fic-cirkostanzi it-Tribunal hu soddisfatt li ghall-incident de quo kienet unikament**

**responsabbli l-konvenuta li ma kienetx attenta bizzejjed waqt li qed tregga' lura.**

3. **Id-danni riportati fil-vettura ta' l-assikurat, huma dawk li jidhru fir-ritratti esebiti, Dok.MA8. Dawn id-danni gew konfermati minn Mark Axiaq, rapprezentant tas-socjeta` attrici assikuratrici, li esebixxa fost ohrajn ir-ricevuti relativi ghad-danni, Dok.MA2 u MA9, MA10 u MA11, mill-liema jirrizulta li l-attur kellu total ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm155.49) bhala danni, li minnhom l-atturi qed titlob biss l-ammont ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm151.90).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u konsegwentement jikkundannha thallas lill-atturi s-somma ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm151.90) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Marzu, 2001 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**